MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 151/2004

**Maltacom p.l.c.
vs**

**Joseph u Matilde konjugi Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u sittin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm169.57), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2138 4886 (skond kif jirrizulta mill-annessi Dok.A u B) ;**
**Illi l-konvenut gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti fit-12 ta’ Frar, 2004, fejn gie eccepit li ghandhom jigu michuda t-talbiet attrici stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet :**
**Is-servizz tat-telefonu ndikat mis-socjeta` attrici ma baqghax jinghata a beneficcju tal-eccipjenti wara l-15 ta’ Ottubru, 2000, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, izda a beneficcju tal-konjugi Anthony u Louise Galea li ghalhekk ghandhom jigu kjamati in kawza biex jirrispondu ghat-talbiet attrici ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz ;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u kontra l-konjugi Anthony u Louise Galea.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta’ Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi mill-kopja tal-kuntratt esebit Dok.A jirrizulta bic-car li s-servizz tat-telefon in kwistjoni kien isejjah lill-konvenuta. Id-Dok.B jindika ghal liema telefonati u perjodu l-ammont huwa dovut.**
**2. Il-konvenuti da parti taghhom ma gabu ebda prova li sar xi trasferiment ta’ dan is-servizz ghall fuq terzi. Ma hemm ebda raguni l-ghala fic-cirkostanzi ghandhom jigu kjamati in kawza il-konjugi Anthony u Louise konjugi Galea.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuti, u peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u disgha u sittin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm169.57) bl-imghax legali mill-31 ta’ Jannar, 2004, b’riserva ta’ kull dritt li jista jkollhom il-konvenuti kontra terzi.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------